# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 34**

**Rikors numru 1083/07 SM**

**Mario Zammit et nomine, ezercenti taht il-partnership l-isem kummercjali Carmelo Zammit & Sons**

**v.**

**Il-Kontrollur tad-Dwana u l-Avukat Generali u ai termini tal-verbal datat 25 ta' April, 2012, il-kliem 'Il-Kontrollur tad-Dwana', gew sostitwiti bil-kliem Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-5 ta' Dicembru 2012 illi permezz taghha laqghet it-talbiet attrici izda lliberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju .

Il-Qorti msemmija waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod:

"Rat ir-rikors guramentat datat it-18 t'Ottubru, 2007, li permezz tieghu sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. "Illi hu proprjetarju ta' vettura, "*mechanical horse*", bin-numru ta' registrazzjoni EHQ – 201 u *trailer* bin-numru TR 830, ta' valur komplessiv ta' sebat elef Lira Maltin, (LM7,000.00), circa;

2. "Illi wara li r-rikorrenti kien hareg b'mod normali mid-Dwana, il-vettura u t-*trailer* gew maqbudin bil-merkanzija b'kollox mill-ufficcjali tad-Dwana stante li kien hemm affarijiet li dahlu fil-pajjiz mhux skont il-ligi tad-Dwana;

3. "Illi l-merkanzija in dizamina kienet importata minn terzi u l-intimati m'ghandhom l-ebda bazi biex johorgu n-nota ta' qbid in dizamina;

4. "Illi r-rikorrenti hu estraneu ghall-akkadut u l-attivita` tieghu fl-akkadut hi limitata ghall-garr tal-merkanzija de quo;

5. "Illi ghalhekk qed jikkontesta l-konfiska tal-vettura u *trailer* fuq indikati;

6. "Illi nonostante li kif mitlub hareg il-garanziji bankarji fir-rigward, xorta wahda nharget in-nota ta' qbid in dizamina;

"Illi ghalhekk, aderixxa din il-qorti biex l-intimati fuq indikati jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1."Tordna r-rilaxx tal-vettura u trailer de quo;

2."Bl-ispejjez kontra l-istess intimat;

"Rat ir-risposta tal-intimati datata t-12 ta' Novembru, 2007, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

1. "Illi preliminarjament l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. "Illi di piu`, l-intimati Kontrollur tad-Dwana, (Direttur Generali (Dwana)), jista' jwiegeb ai termini tal-artikolu 181 B (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. "Illi fil-meritu il-"*mechanical horse*" u *trailer* in dizamina ntuzaw biex jinhargu oggetti sdazjati bi ksur tal-ligi u minghajr il-hlas tat-taxxi relattivi, biex b'hekk huma suggetti ghall-konfiska ai termini tal-artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. "Illi jigi ribadit li l-proceduri odjerni huma proceduri "*in rem*" intizi ghar-rilaxx ta' oggett maqbud mill-intimat Kontrollur, (Direttur

Generali), u ghalhekk ir-relazzjoni bejn is-sid u l-oggett innifsu u, jekk is-sid kienx jaf bl-uzu li qed isir mill-proprjeta` tieghu, hi rrilevanti;

“Rat id-digriet taghha datat il-25 t’April, 2012, li permezz tieghu wara talba appozita mhix opposta, ddekretat li l-kliem “Il-Kontrollur tad-Dwana”, jigu sostitwiti bil-kliem “Direttur Generali (Dwana) kull fejn jirrikorri;

“Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta u l-affidavits prodotti mill-partijiet;

“Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha kif issa preseduta;

“Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti fejn tirrileva li d-dokumenti mmarkati Dok. MB 4 – MB 7 ma kellhomx jigu pprezentati in atti darbtejn, (ara fol 42-47 et sequitur u fol 51-57 et sequitur), stante li d-duplicita` mhix rekwizit tal-gustizzja;

“Tirrileva li fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, permezz tad-digriet taghha tal-25 t’April, 2012, ikkoncediet li l-kontendenti jipprezentaw in-noti ta’ sottomissjonijiet rispettivi taghhom fit-termini tal-modalita` hemm indikata, izda nonostante dan, it-termini fuqhom imposti ghaddew inutilment;

“Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. “Illi fuq informazzjoni ricevuta mid-Dipartiment tad-Dwana li kien ser ikun hemm bejgh ta’ xorb alkoholiku minghajr dazju, impjegati tal-istess Dipartiment intbaghtu jispjegaw il-“*Jumbo Cash and Carry*” ta’ Hal-Qormi;

2. “Illi meta dawn l-ufficjali marru fuq il-post lilhom indikat fuq riferit sabu trailer bin-numru TR 830 u John Bugeja sid il-hanut de quo, mill-ewwel ammetta ma’ l-istess ufficcjali li kien gab mitejn (200) kaxxa xorb mill-Italja;

3. “Illi konsegwenza tal-istess l-ufficcjali tad-Dipartiment de quo ikkonfiskaw ix-xorb bit-*trailer* u l-“*mechanical horse*” b’kollox skont il-ligi;

4. “Illi meta l-istess ufficcjali spezzjonaw id-dokumenti konnessi mal-istess merkanzija hekk misjuba skoprew li dawn id-dokumenti kienu jirreferu ghal “*toilet paper*”, “*detergents*”, u affarijiet simili, (ara fol 63 u 70 et sequitur);

5. “Illi in vista tal-premess it-trailer ittiehed Mifsud Verandah fil-pussess u taht skorta tal-ufficjali tad-Dwana u gie ezaminat il-kontenut tat-trailer de quo;

6. “Illi effettivament, ma’ l-oggetti elenkati fid-dokumenti fuq indikati nstabu mohbija l-kaxex tax-xorb in dizamina li ovvjament ma kellhomx boll skont il-ligi;

7. “Illi l-ammont ta’ xorb hekk misjub kien eventwalment jammonta ghal mija u tmienja u disghin kaxxa, (198), b’sitt (6) ifliexken Whiskey kull wahda – ghalhekk komplessivament elf mija u tmienja u temenin flixkun Whiskey tal-marki Teachers, Johnny Walker, Red Label, Vodka tal-marka Smirnoff u Bacardi ilkoll tas-70 cl., (ara fol 64 u fol 76 et sequitur);

8. “Illi sid il-mekanzija, John Bugeja, li kien fuq il-post meta gie hekk spezzjonat mill-ufficcjali tad-Dwana, informa lill-istess ufficcjali li effettivament kien gia` biegh il-kontenut tat-trailer, (b’referenza pero` biss ghat-*toilet paper*, *detergents* u ilma tax-xorb), u kien biss meta appozitament mistoqsi rigward alkohol bla dazju li seta` kellu qalb il-merkanzija l-ohra li ammetta li fil-fatt kellu dan ix-xorb fuq indikat;

9. “Illi konsegwentement, giet mizmuma l-merkanzija fuq riferita flimkien mat-*trailer* li kienet fiha u mal-“mechanical horse” li kien qed jitrasportha;

“Ikkunsidrat:

“Illi rigward il-“*mechanical horse*” u t-*trailer* in dizamina jirrizulta li dawn kienu tas-socjeta` Carmelo Zammit and Sons u fil-mument meta gew mizmuma mid-Dwana kienu misjuqa minn impjegat tal-istess socjeta`;

“Illi din is-socjeta` u x-xufier involut, kostantement ipprotestaw l-innocenza u l-estranita` taghhom mill-evazjoni doganali in dizamina;

“Illi f’dan ir-rigward irrizulta sintetikament is-segwenti:

1. “Ili fuq struzzjonijiet ta’ John Bugeja t-*trailer* in dizamina ttella’ Pozzallo bil-katamaran fejn thalla mhux taht il-kustodja tax-xufier tieghu li rega’ ha l-pussess tieghu biss wara li kien tghabba bil-merkanzija;

2. “Illi t-*trailer* ingieb lura Malta, inhareg mid-Dwana regolarment u nhatt l-ghada ghaliex kien tard wisq biex isir dak ix-xoghol;

3. “Illi pero`, lahqu gew l-ufficcjali tad-Dwana li kkonfiskaw kollox;

4. “Illi x-xufier tat-*trailer* de quo kostantement isostni li kien ghal kollox estraneu ghall-merkanzija llegittima li kien qed igorr;

“Ikkunsidrat:

“Illi preliminarjament ghandha tigi l-ewwel epurata l-eccezzjoni rigwardanti l-inutilita` tal-azzjoni fil-konfont tal-Avukat Generali;

“Illi f’dan ir-rigward ghandu jkun pacifiku li l-imsemmi Avukat Generali m’ghandu l-ebda rilevanza f’dawn l-atti stante li ma jiffigura f’xejn fil-meritu tal-istess;

“Illi ghaldaqstant din il-qorti takkolji din l-ewwel risposta preliminari tal-intimati u konsegwentement, tillibera lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, u dan, a spejjez tar-rikorrenti Mario Zammit;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-meritu tal-procedura de quo ghalhekk jirrizulta li jippernja fuq il-fatt jekk id-Direttur Generali (Dwana) ghandux, f’kaz bhal dak in dizamina, jikkonfiska l-“*mechanical horse*” u t-*trailer* uzati biex jigi evaz id-dazju fuq il-merkanzija li ngarret bihom;

“Illi skont l-istess Direttur Generali fuq indikat dan jista’ jsir a bazi tal-artikolu 68 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq gia` riferit, u li fuqu effettivament strah biex izomm l-imsemmija ngenji;

“Illi dan l-artikolu 68 jistabbilixxi s-segwenti:

> “ … il-vetturi jew mezzi ohra ta’ garr, flimkien maz-zwiemel jew … hwejjeg ohra li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni … jew fil-garr ta’ oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu … suggetti ghal konfiska ghandhom jigu kkonfiskati”;

“Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-rekwizit principi li ghandu jigi stabbilit mid-Dwana biex tkun awtorizzata tistrieh fuq dan l-artikolu specifiku hu li l-atti hemm riferiti li jisru bl-iskop ta’ evazjoni ta’ taxxa ghandhom ikunu atti li saru **xjentement**;

“Ikkunsidrat:

“Illi dak li jirrizulta fir-rigward hu sintetikament is-segwenti:

1. “Illi d-Dwana kellha nformazzjoni sigrieta fir-rigward tal-importazzjoni llecita in dizamina;

2. “Illi meta baghtet lill-ufficcjali taghha biex jispezzjonaw din l-informazzjoni nstab li kienet wahda veritjiera;

3. “Illi l-persuna responsabbli ghall-istess tentattiv evasiv mill-ewwel ammetta r-responsabbilita` tieghu fir-rigward;

4. “Illi x-xufier tal-“*mechanical horse*” li garr it-*trailer* bil-merkanzija nkriminanti mill-ewwel u konstantement ipprotesta l-estraneita` tieghu ghall-akkadut;

5. “Illi in effetti, l-fatt li ma marx ihott il-merkanzija mill-ewwel wara li hareg mid-dwana, mar id-dar jorqod u ha l-merkanzija biex tinhatt l-ghada timmilita` favur it-tezi tal-estraneita` tieghu fir-rigward;

6. “Illi di piu`, in vista tal-principju ta’ “min jallega jrid jipprova”, ezami tal-atti in dizamina jiskolpaw lir-rikorrenti stante li l-intimat Direttur Generali naqas milli jikkonsolida l-azzjoni tieghu billi jipprova li r-rikorrenti kien **xjentement** involut fir-rigward;

7. “Illi hi wkoll preokkupanti r-rizultanza li nonostante li l-iskop wara l-azzjoni odjerna hawn ezaminata tal-istess Direttur seta’ facilment jintlahaq taht l-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan jidher ghal xi raguni jew ohra, din inspjegabilment sfuggiet lill-istess Direttur meta ttiehdet il-procedura kriminali fir-rigward;

8. “Illi di piu`, fix-xhieda mressqa mill-istess direttur, xejn minnu prodott ma pprova jindirizza dan l-element ta’ “**xjenza**” mpost statutorjament biex tirnexxi tali azzjoni tal-istess Direttur fir-rigward;

“Stante li d-Direttur de quo ma pprovax l-element tax-“xjenza” rikjest mill-artikolu 68 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq citat,

“Ghaldaqstant, tirrespingi r-risposti l-ohra tal-intimat Direttur Generali (Dwana), takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Mario Zammit, u konsegwentement:

1. “Tordna r-rilaxx tal-“*mechanical horse*” u *trailer* in dizamina fuq riferiti;

2. “Bl-ispejjez rimanenti kontra l-intimat Direttur fuq indikat”.

Il-konvenut Kontrollur tad-Dwana ghalhekk appella minn din is-sentenza u qed jitlob ir-revoka taghha u allura li jigu michuda t-talbiet attrici kollha.

**AGGRAVJI**

Essenzjalment **l-ewwel nett** l-appellant qed jitlob lill din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik raggunta mill-ewwel Qorti a bazi tal-provi migbura kemm mill-punto di vista fattwali u kemm mil-lat ta' dritt.

Il-Qorti terga' tfakkar kif ghamlet diversi drabi li fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

"*Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet lewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew*

*ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha*". (**Isabelle Borg v. Robert Galea et**, Appell, 3 ta' Marzu 2011).

Dan l-insenjament huwa msemmi ukoll f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil**, Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001): madankollu "*Din il-Qorti pero` tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014).

L-appellant jghid illi indipendentment mill-fatt jekk l-appellat kienx jaf li kellu l-merkanzija msemmija fuq it-trailer u l-mechanical horse tieghu, huwa kien gustifikat legalment li jikkonfiskah u se mai l-appellat kellu mbaghad jirrikorri ghall-azzjoni fil-konfront tat-terz li ingannah ghad-danni. L-appellant isostni li huwa kellu d-dritt jikkonfiska l-vettura in kwistjoni taht l-Artikolu 68 tal-Kap. 37 li jghid illi:

> "*68. (1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska għandhom jiġu kkonfiskati .. ..*".

Huwa minnu li fil-kawza fl-ismijet **Xuereb nomine v. Kontrollur tad-Dwana** (Appell Inferjuri 10 ta' Ottubru 2005) il-Qorti qalet li:

> "…, *jibda biex jigi osservat illi x-xjenza o meno tar-rikorrenti, sid il-vettura, ma ticcentrax fil-materja. Ghal fini ta' l-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar centrali hu l-fatt li l-vettura ntuzat biex jigi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoggetta l-istess vettura ghal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Frar 2003 in re:* ***"Cara Ltd -vs- Kontrollur tad-Dwana****" tibqa' wahda valevoli. A propozitu jinghad fiha illi "l-proceduri ta' konfiska huma proceduri in rem. Gjaladarba l-merkanzija dahlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha*".

Aktar 'il quddiem il-Qorti kompliet tghid "*In tema ghall Artikolu 68 jinkombi fuqu li jgib prova li l-utent tal-vettura ma agixxiex "xjentement". Skond principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-**onus probandi** jaggrava dejjem fuq l-attur jew f'dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex l-affermazzjoni qed jaghmilha hu, u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa' assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan ifisser illi huwa r-rikorrenti li jibqa' mghobbi li joffri prova adegwata u allura c-certezza tal-fatt allegat*".

Ghalhekk, kontrarjament ghall-kamp kriminali, f'kawza bhal din, huwa l-attur li ghandu jgib il-prova li ma kienx konsapevoli mill-presenza ta' merkanzija sdoganata. Kwindi l-ewwel Qorti ma kenitx ezatta meta qalet li l-intimat "*kellu jipprova li r-rikorrent kien xjentement involut fir-rigward*".

Din il-Qorti diversament komposta kienet aktar cara fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Samantha Helen Brett v. il-Kontrollur tad-Dwana** deciza fid-29 ta' Ottubru 2010 meta qalet illi:

> "*Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza* ***Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana*** *deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-31 ta' Ottubru 2008 fejn f'cirkostanzi simili il-Qorti, segwiet l-istess hsibijiet u qalet:*
>
> > "*Il-Qorti wara li eżaminat il-provi fid-dettal, tħoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x'inhu għaddej u li l-operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-liġi kienet saret minn nies oħrajn. Madankollu kif sewwa eccepixxa l-intimat, din il-procedura tal-konfiska hija waħda in rem u l-buonafede u innoccenza tal-proprjetarju tal-oggett konfiskat ma jaffetwawx il-validita' tal-konfiska jekk l-oġġetti konfiskati jkunu il-corpus delicti fis-sens li jkunu ddaħħlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet* ***Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana*** *deciża fis-27 ta' Frar, 2003*".

Oltre dan, il-Qorti qalet ukoll f'dik is-sentenza ;

> "*Illi din il-Qorti tosserva illi meta jirrizulta ksur ta-lprovvedimenti ta' l-Artikolu 68 il-konfiska hemm komminata hija mandatorja billi l-Kontrollur tad-Dwana ma jinghata ebda diskrezzjoni. Infatti l-Artikolu citat jipprovdi espressament li "Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi ohra ta' garr, flimkien maz-zwiemel jew annimali u hwejjeg ohra li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni, fl-izbark, fit-twarrib, fit-tizmim, fil-habi, jew fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu, taht din l-Ordinanza, suggetti ghal-konfiska* ***ghandhom jigu kkonfiskati***". *(enfazi tal-Qorti).* '

Ghalhekk it-talba ghar-revoka tas-sentenza hija gustifikata u t-talba attrici ghandha tigi respinta, salv id-dritt tal-appellat li jitlob id-danni kontra t-terz jekk ikun il-kaz. Ma sarx appell mil-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju tal-Avukat Generali li allura ghaddiet in gudikat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tilqghu u tirrevoka s-sentenza appellata hlief ghal parti fejn gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju l-Avukat Generali u allura tichad it-talbiet attrici. L-ispejjez tal-Avukat Generali a kariku tal-appellat; in vista tac-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez l-ohra jkunu bla taxxa bejn il-partijiet l-ohra.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb